A.L. 2 ta' l-2006

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

Regolamenti ta' l-2006 dwar *Trusts* (Taxxa fuq l-*Income*)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 5 u 27D ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u ta' l-artikoli 42 u 58 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2006 dwar *Trusts* (Taxxa fuq l-*Income*).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2005.

Reġistrazzjoni ta' *trust* minn *trustee*.

2. (1) *Trustees* ta' *trust* li jkunu persuni residenti f'Malta għandhom l-obbligu li jiżguraw li dik it-*trust* tkun reġistrata għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi. Dik ir-reġistrazzjoni għandha ssir fuq il-Formula *Trusts* 01 li hemm fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti fi żmien 30 jum mid-data li fiha jiġi maħtur l-ewwel *trustee* li jkun persuna residenti f'Malta, jew mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, skond liema tkun l-aħħar data. Il-formula msemmija għandha tkun iffirmata minn kull wieħed mit-*trustees* ta' dik it-*trust* li jkunu persuni residenti f'Malta, u dawk it-*trustees* residenti għandhom solidalment l-obbligu li jissottomettu dik il-formula lill-Kummissarju:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament ma japplikawx għal dawk il-każijiet imsemmijin fil-paragrafi (b) u (ċ) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 27D ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

(2) L-għażla għall-finijiet tal-mod kif ikun meqjus l-*income* attribwibbli lil *trust* bħala *income* derivat minn kumpannija ordinarjament residenti u domiċiljata f'Malta, bil-mod kif provdut fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 27D ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* għandha ssir fuq il-Formula *Trusts* 01 li hemm fi Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(3) Applikazzjoni lill-Kummissarju għal determinazzjoni taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 27D ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* għandha ssir fi żmien 30 jum mid-data li fiha jiġi maħtur l-ewwel *trustee* li jkun persuna residenti f'Malta, u li jkollu fil-pussess tiegħu liċenza valida maħruġa skond l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju jew l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, fuq il-Formula *Trusts* 01 li hemm fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Prospett dwar qligħ fuq it-trasferiment ta' mgħax benefiċjarju.

3. Il-prospett li għandu jsir taħt id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (e) tas-subartikolu (19) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* minn *trustee* rigward il-qligħ li jinqala' mit-trasferiment ta' mgħax benefiċjarju, għandu jsir fuq il-Formula *Trusts* 02 li hemm fi Skeda 2 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Prospett dwar *income* attribwibbli lil *trust* li dwaru tkun saret determinazzjoni.

4. (1) Il-prospett li għandu jsir skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (iv) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 27D ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* minn *trustee* rigward l-*income* attribwibbli lil *trust* li dwaru tkun saret determinazzjoni skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 27D ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* għandu jsir fuq il-Formula *Trusts* 03 li hemm fi Skeda 3 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. L-imsemmi prospett għandu jkun iffirmat mill-inqas minn *trustee* wieħed ta' dak it-*trust* li jkun persuna residenti f'Malta u li jkollu fil-pussess tiegħu liċenza valida maħruġa skond l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju jew l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji. Dak it-*trustee* jkollu l-obbligu li jissottometti l-imsemmi prospett lill-Kummissarju.

(2) Fejn tkun saret determinazzjoni skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 27D, it-taxxa riferibbli għall-*income* attribwibbli għal dik it-*trust* għandha titħallas mhux aktar tard mid-data tal-ħlas tat-taxxa.

Prospett dwar *income* attribwibbli lil *trust* li dwaru tkun saret għażla valida.

5. Il-prospett li għandu jsir skond l-artikolu 10 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa minn *trustee* rigward l-*income* attribwibbli lil *trust* li dwaru tkun saret għażla valida skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 27D ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, għandu jsir fuq l-istess formula li tkun giet preskritta sabiex tigi użata mill-kumpanniji għad-dikjarazzjoni ta' l-*income* tagħhom. L-imsemmi prospett għandu jkun iffirmat mill-inqas minn *trustee* wieħed ta' dik it-*trust* li jkun persuna residenti f'Malta, u dak it-*trustee* residenti jkollu l-obbligu li jissottometti l-imsemmija formula lill-Kummissarju.

Il-prospett dwar l-*income* li dwaru ma tkun saret ebda għażla.

6. Il-prospett li għandu jsir skond l-artikolu 10 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa minn *trustee* rigward l-*income* attribwibbli lil *trust* li dwaru ma tkunx saret l-għażla skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 27D ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* u ma tkunx saret id-determinazzjoni skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 27D ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, għandu jsir fuq il-Formula *Trusts* 04 li hemm fi Skeda 4 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Dak il-prospett għandu jkun iffirmat mill-inqas minn *trustee* wieħed ta' dak it-*trust* li jkun persuna

residenti f'Malta u dak it-*trustee* residenti jkollu l-obbligu li jissottometti l-imsemmija formula lill-Kummissarju.

Informazzjoni li ghandha tintbaghat.

7. L-informazzjoni msemmija fl-artikolu 24B ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, għandha tintbagħat lill-Kummissarju fuq il-formula *Trusts* 05 li hemm fi Skeda 5 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Intenzjoni li jiġu trasferiti *trusts*.

8. (1) Meta persuna tkun bi ħsiebha tittrasferixxi xi attiv imsemmi fis-subparagrafi (i) u (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, liema trasferiment ikun jikkostitwixxi tqegħid ta' proprjetà fi *trust* jew tqassim jew riverżjoni ta' proprjetà mqiegħda fi *trust*, u l-ebda taxxa ma jkollha titħallas fuq dak it-trasferiment skond xi waħda mid-disposizzjonijiet rilevanti tas-subartikoli (18), (21), (22) u (24) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, dik il-persuna tista' tagħmel u tissottometti dikjarazzjoni f'żewġ kopji lill-Kummissarju fuq il-Formula *Trusts* 06 li hemm fi Skeda 6 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti mhux aktar tard minn sebat ijiem qabel dak it-trasferiment. Din il-formula għandha tkun iffirmata mill-persuni kollha li jkunu qegħdin jagħmlu t-trasferiment u għandha tkun għall-inqas iffirmata minn persuna waħda li tkun jew it-*trustee* tat-*trust* rilevanti, kemm-il darba dak it-*trustee* jkun awtorizzat li jaġixxi bhala *trustee* skond l-artikoli 43 u 43A ta' l-Att dwar *Trusts* u *Trustees*, jew avukat jew nutar. Kopja tal-Formula *Trusts* 06, mimlija kif imiss u ttimbrata mill-Kummissarju bħala li tkun waslitlu, għandha tkun prova biżżejjed għan-nutar rilevanti li m'għandhiex tithallas it-taxxa provviżorja dwar dak it-trasferiment. Kopja tal-Formula ttimbrata *Trusts* 06 li tigi ppreżentata lin-nutar rilevanti, għandha tiġi annessa ma' l-istrument rilevanti tat-trasferiment ta' l-attiv.

(2) Il-Kummissarju għandu jżomm il-poteri rilevanti kollha mogħtijin mill-Atti dwar it-Taxxa dwar it-trasferiment ta' kull attiv imsemmi fil-Formula *Trusts* 06, ukoll wara li jkun ittimbra dik il-Formula bħala li tkun waslitlu.

Iċ-ċertifikat jkun fih l-informazzjoni speċifikata.

9. Iċ-ċertifikat imsemmi fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 27D ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* għandu jkun fih l-informazzjoni speċifikata fi Skeda 7 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Kundizzjonijiet għall-ħlas tat-taxxa provviżorja.

10. Għall-finijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 42 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u minkejja kull ħaġ'oħra msemmija f'regolamenti magħmulin taħt dak l-Att, ebda taxxa provviżorja ma għandha titħallas għar-rigward ta' *income* attribwibbli lil *trust* kemm-il darba ma tkunx saret għażla valida skond m'hemm provdut fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 27D ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

B 108

(Regolament 2)

SKEDA 1

Formula *Trusts* 01

Reġistrazzjoni ta' *Trust*

Għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi

Taxxi Interni - Malta

1. Għan

Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi u r-regolamenti rilevanti magħmula taħthom, it-*trustees* ta' *trust* li jkunu persuni residenti f'Malta għandhom jirreġistrarw l-imsemmija *trust* għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi f'dawk il-każi fejn ikun hemm *income* attribwibbli lil dik it-*trust* kif provdut fl-imsemmija Atti. Il-Formula *Trusts* 01 għandha tiġi sottomessa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni għal dan l-iskop mill-imsemmi *trustee*. Din il-formula tista' tintuża wkoll għall-finijiet ta' (i) l-għażla biex l-*income* attribwibbli lil dik it-*trust* ikun meqjus daqslikieku kien *income* ta' kumpannija ordinarjament residenti u domiċiljata f'Malta skond l-artikolu 27D(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; u (ii) l-applikazzjoni għad-determinazzjoni li t-*trust* hija ta' natura temporanja skond l-artikolu 27D(2) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

2. Meta għandu jintbagħat

Dan il-prospett għandu jimtela u jintbagħat b'mod li jasal fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni mhux aktar tard minn 30 jum mid-data li fiha jinħatar l-ewwel *trustee* li jkun persuna residenti f'Malta.

3. Dokumenti ma' dan il-Prospett

Għandha tiġi mehmuża kopja ta' l-istrument bil-miktub li jistabbilixxi jew jaghti prova tat-*trust* fil-każ li ssir għażla skond l-artikolu 27D(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* jew applikazzjoni ghal determinazzjoni skond l-artikolu 27D(2) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, flimkien ma' dawk id-dokumenti specifikati f'din il-formula.

4. Firem

Dan il-prospett għandu jkun iffirmat minn dawk it-*trustees* kollha tat-*trust* li jkunu persuni residenti f'Malta. F'ċerti każi, kif speċifikat f'din il-formula, it-*trustee(s)* jista' jkollhom bżonn awtorizzazzjoni/jiet jew liċenzja/i speċjali.

5. Fejn għandu jintbagħat il-prospett

Il-prospett komplut għandu jintbagħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, Dipartiment tat-Taxxi Interni, Floriana.

Kummissarju tat-Taxxi Interni, Floriana

Taqsima 1 – Dettalji dwar it-*Trust*

Isem tat-*Trust*:

Data meta t-*Trust* ġie stabbilit:	**j**	**j**	**x**	**x**	**s**	**s**	**s**	**s**
Data tal-Ħatra ta' l-Ewwel *Trustee* Residenti:	**j**	**j**	**x**	**x**	**s**	**s**	**s**	**s**
L-Ewwel Sena ta' Stima					**s**	**s**	**s**	**s**

Tip ta' *Trust*:

***Trust* ta' Interess Fiss**	☐
***Trust* Diskrezzjonarju**	☐
***Trust* ta' Akkumulazzjoni u Manteniment**	☐
***Trust* Protettiv**	☐
***Trust* b'Għan ta' Karita'**	☐
Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)	☐

_____

Għall-Użu Uffiċjali Biss

Numru tat-Taxxa tat-Trust

— — — — — — — — — —

Nru ta' Riferenza tad-Determinazzjoni jew l-Għażla

— — — — — — — — — —

Riċevut:

Taqsima 2 – Informazzjoni dwar il-Kuntatt

Isem tat-*Trustee(s)* Residenti: **Numru tat-Taxxa:**

Dettalji tal-Kuntatt:

Nru tal-Bieb	
Triq	
Lokalità	
Kodiċi Postali	
Pajjiż	

Nru tat-Telefon	Nru tal-Fax
Email	

Taqsima 3 – Dettalji dwar is-*Settlor(s)* u l-Benefiċjarji

(Obbligatorja biss meta tkun saret għażla valida skond l-artikolu 27D(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* jew determinazzjoni skond l-artikolu 27D(2) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income.*

Taqsima 3a – *Settlor(s)*

Isem: **Nru tat-Taxxa: (fejn japplika)**

Taqsima 3b – Benefiċjarji

Isem: **Nru tat-Taxxa: (fejn japplika)**

Taqsima 4 – Dettalji dwar it-Taxxa

Nota: Immarka [✔] kif japplika

❑ **Għażla skond l-artikolu 27D(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income***

It-*trustee/s* hawn taħt iffirmat/i li ġie/ġew mogħti/ja l-awtorizzazzjoni bħala *trustee(s)* skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 43(3) ta' l-Att dwar *Trusts* u *Trustees* qiegħed/qegħdin b'dan jagħżel/jagħżlu irrevokabbilment li l-*income* taxxabbli attribwibbli lit-*trust* fuq imsemmija jinħadem daqslikieku dak l-*income* nqala' minn kumpannija ordinarjament residenti u domiċiljata f'Malta skond l-artikolu 27D(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*. L-imsemmi/ja *trustee(s)* jiddikjara/w ukoll li l-*income* attribwibbli lil din it-*trust* għandu jikkomprendi biss *income* f'forma ta' *royalties*, dividendi, qligħ kapitali, interessi, renti jew kwalunkwe *income* ieħor minn investimenti.

❑ **Applikazzjoni għal Determinazzjoni skond l-artikolu 27D(2) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income***

It-*trustees* hawn taħt iffirmati qegħdin b'dan japplikaw għal determinazzjoni li l-imsemmija *trust* hija ta' natura temporanja skond l-artikolu 27D(2) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*. It-*trustees* kollha hawn taħt iffirmati għandhom fil-pussess tagħhom liċenzja valida maħruġa skond l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju u l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji li kopja tagħha qiegħda tiġi hawn annessa. Deskrizzjoni fil-qosor tal-għanijiet li għalihom ġiet stabbilita din it-*trust* u tat-transazzjonijiet involuti, flimkien ma' stima ta' kemm se ddum din it-*trust* qegħdin jingħataw hawn isfel.

Għan tat-*Trust*:

_____

_____

_____

_____

_____

_____

Transazzjonijiet Involuti:

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

Stima ta' kemm se ddum it-*trust*:

_____

_____

❑ **Taxxa skond l-artikolu 27D(3) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income***

It-*trustees* hawn taħt iffirmati jiddikjaraw li ebda għażla jew applikazzjoni msemmija fiż-żewġ paragrafi preċedenti ma hi se ssir u li d-disposizzjonijiet tal-paragrafi (b), (c), (d) u (e) ta' l-artikolu 27D(3) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* għandhom japplikaw għat-*trust* hawn fuq imsemmija.

Taqsima 5 –Informazzjoni Oħra

Jekk jogħġbok agħti d-dettalji u l-informazzjoni oħra meħtieġa

Taqsima 6 – Dikjarazzjoni u Firma/Firem

Jiena (Aħna) niddikjaraw li:

- jiena qiegħed (aħna qegħdin) nemżu ma' dan il-prospett, id-dokumenti kollha mitluba u li għandhom x'jaqsmu mar-reġistrazzjoni tat-*trust* fuq imsemmija; u
- jiena (aħna) konxju/i mill-obbligi kollha taħt l-Atti dwar it-Taxxi għar-rigward tat-*trust* hawn fuq imsemmija; u
- jiena (aħna) eżaminajt/na l-kontenut ta' dan il-prospett u sa fejn naf/u jien/aħna huwa veru, korrett u sħiħ.

Isem:	**Firma:**	**Indika r-Residenza tat-*Trustee*:**	**Data:**

B 112

SKEDA 2

(Regolament 3)

Formula *Trusts* 02

Dikjarazzjoni mit-*Trustee* – Trasferiment ta' Interess Benefiċjarju fi *Trust*

Skond l-artikolu 5(19) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123)

Taxxi Interni - Malta

1. Għan
Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi, benefiċjarju li jittrasferixxi interess benefiċjarju fi *trust* huwa obbligat iħallas taxxa fuq il-qligħ minn dak it-trasferiment bir-rati speċifikati fl-artikolu 56(6) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* permezz tat-*trustee* ta' l-imsemmija *trust*. Din il-formula (*Trusts 02*) għandha tingħata mit-*trustee* lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni għal dan l-iskop.

2. Trasferimenti Applikabbli
Trasferimenti ta' interess benefiċjarju li dwarhom jinħoloq dan l-obbligu huma trasferimenti ta' interess benefiċjarju fi kwalunkwe *trust* li l-proprjetà tagħha tinkludi proprjetà immobbli, titoli u kwalunkwe attiv ieħor imsemmi fl-artikolu 5(1)(a)(i) u 5(1)(a)(ii) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* skond l-artikolu 5(19) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

3. Meta għandu jintbagħat
Dan il-prospett għandu jimtela u jintbagħat b'mod li jasal fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni sa mhux aktar tard mill-14-il jum mit-tmiem tax-xahar li fih it-*trustee* ikun ġabar it-taxxa mingħand il-persuna li tittrasferixxi l-interess benefiċjarju. Il-persuna li tittrasferixxi għandha tagħmel il-ħlas relattiv lit-*trustee* sa mhux aktar tard minn 45 jum mid-data li fiha l-istrument tat-trasferiment ikun ġie esegwit.

4. Dokumenti ma' dan il-Prospett
Flimkien ma' din il-formula, it-*trustee* għandu jehmeż kopja awtentikata ta' l-istrument tat-trasferiment u kopja ta' l-aktar kontijiet finanzjarji riċenti tat-*trust* rilevanti.

5. Firma/firem
Dan il-prospett għandu jkun iffirmat mill-inqas minn *trustee* wieħed tat-*trust* li jkun persuna residenti f'Malta.

6. Fejn għandu jintbagħat il-Prospett
Il-prospett komplut (flimkien mal-pagament tat-taxxa) għandu jintbagħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, Dipartiment tat-Taxxi Interni, Floriana.

Kummissarju tat-Taxxi Interni, Floriana

Taqsima 1 – Dettalji dwar it-*Trust*

Isem tat-*Trust*:

Nru tat-Taxxa tat-*Trust*:									

Taqsima 2 – Dettalji tat-Trasferiment ta' l-Interess Benefiċjarju

Data tat-Trasferiment ta' l-Interess Benefiċjarju:	**j**	**j**	**x**	**x**	**s**	**s**	**s**	**s**

Korrispettiv għat-trasferiment (MLT):									

Taxxa dovuta fuq il-Korrispettiv (MLT):									

Għall-Użu ta' l-Uffiċċju Biss

Riċevut:

Taqsima 3 – Dettalji tal-Proprjetà tat-*Trust*

Proprjetà Taxxabbli tat-*Trust* (eż. Immobbli, Ishma, *Bonds*, Privattivi, eċċ.)	Dettalji dwar il-proprjetà (Indirizz, pajjiż, kumpannija ta' l-investment eċċ.)	Data tat-Tqegħid jew ta' l-Akkwist	Valur fiż-żmien tat-Tqegħid/ta' l-Akkwist MLT

Taqsima 4 – Dikjarazzjoni u Firma(Firem)

Jien (Aħna) niddikjaraw li:

- jiena (aħna) ngħatajt/ngħatajna kopja awtentikata ta' strument ta' trasferiment esegwit b'konnessjoni ma' transferiment ta' interess benefiċjarju fit-*trust* imsemmija hawn fuq; u
- jiena (aħna) konxju/i mill-obbligi kollha taħt l-Atti dwar it-Taxxi rigward it-*trust* imsemmija hawn fuq, konformi mat-trasferiment ta' l-imsemmi interess benefiċjarju; u
- jiena (ahna) eżaminajt/na l-kontenut ta' dan il-prospett u ta' kull dokument ieħor mehmuż u sa fejn naf/u jien/aħna huma veri, korretti u sħaħ; u
- jiena (aħna) qiegħed/qegħdin ma' dan nehmżu l-ħlas tat-taxxa dovuta fuq it-trasferiment ta' l-interess benefiċjarju.

Isem:	**Firma:**	**Indika r-Residenza tat-*Trustee*:**	**Data:**

B 114

SKEDA 3

(Regolament 4(1))

Formula *Trusts* 03

Taxxi Interni - Malta

Prospett tat-Taxxa u *Self Assessment*

rigward *Income* Attribwibbli lil *Trust* fejn tkun saret Determinazzjoni skond l-Artikolu 27D(2) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123).

Immarka [✔] kif meħtieġ:

L-Ewwel Prospett tat-Taxxa ☐

L-Aħħar Prospett tat-Taxxa ☐

Oħrajn ☐

1. Għan
Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi, it-*trustee* ta' *trust* li dwarha tkun saret determinazzjoni skond is-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 27D ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, huwa obbligat li jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dikjarazzjoni vera u korretta ta' l-*income* attribwibbli lil dik it-*trust* għal xi sena ta' stima, flimkien ma' dikjarazzjoni vera u korretta tal-proprjetà mqiegħda f'dik it-*trust*. Il-Formula *Trusts* 03 għandha tintuża għall-finijiet ta' din id-dikjarazzjoni.

2. Meta għandu jintbagħat il-Prospett
Dan il-prospett għandu jimtela u jintbagħat b'mod li jasal fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Ġunju tas-sena ta' wara dik li fiha jkun inqala' l-*income* attribwibbli lit-*trust*.

3. Skop tad-dikjarazzjoni
Għandu jiġi ddikjarat fuq dan il-prospett l-*income* maqlugħ matul it-tnax-il xahar li jibdew fl-1 ta' Jannar tas-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima murija fuq dan il-prospett flimkien ma' valutazzjoni tal-proprjetà mqiegħda fl-imsemmija *trust*.

4. Dokumenti ma' dan il-Prospett
Flimkien ma' dan il-prospett għandhom ikunu mehmuża (i) kontijiet finanzjarji ċertifikati minn persuna li jkollha fil-pussess tagħha *warrant* maħruġ taħt l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*; (ii) rendikonti bid-dettalji sħaħ ta' l-*income* u l-proprjetà ddikjarata, fejn ma jkunx hemm spazju pprovdut biżżejjed f'dan il-prospett; (iii) kull rendikont ieħor li fl-opinjoni tat-*trustee* jew il-persuna li jkollha fil-pussess tagħha l-imsemmi *warrant* jagħtu stampa sħiħa u ċara tas-sitwazzjoni tat-taxxa tat-*trust*.

5. Dikjarazzjoni sħiħa
Għandu jiġi ddikjarat l-*income* kollu attribwibbli lit-*trust* għas-sena in kwistjoni, kemm jekk inqala' f'Malta jew band'oħra kif ukoll jekk riċevut f'Malta jew band'oħra. L-ebda taqsima ta' dan il-prospett ma għandha titħalla vojta. Fejn ma hemm xejn x'jiġi ddikjarat, għandha tinkiteb il-kelma "XEJN".

6. Firem
Dan il-prospett għandu jkun iffirmat mill-persuna li jkollha fil-pussess tagħha l-imsemmi *warrant* u li tiċċertifika l-kontijiet finanzjarji li hawn ma' dan il-prospett u mill-inqas minn *trustee* wieħed tat-*trust* li jkun persuna residenti f'Malta.

7. Fejn għandu jintbagħat il-Prospett
Il-prospett mimli kif suppoost għandu jintbagħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, Dipartiment tat-Taxxi Interni, Floriana.

Kummissarju tat-Taxxi Interni, Floriana

Għall-Użu Uffiċjali Biss

Riċevut:

Taqsima 1 – Bdil fid-Dettalji dwar it-*Trust*

Taqsima 1a. - Isem Ġdid tat-*Trust*:

Taqsima 1b. - Persuni li ma għadhomx *Trustees* Residenti: **Nru tat-Taxxa: (fejn japplika)**

Taqsima 1c. - *Trustees* Residenti Ġodda: **Nru tat-Taxxa: (fejn japplika)**

Taqsima 1b. - Persuni li ma għadhomx Benefiċjarji: **Nru tat-Taxxa: (fejn japplika)**

Taqsima 1c. - Benefiċjarji Ġodda: **Nru tat-Taxxa: (fejn japplika)**

Taqsima 1d. - Dettalji tal-Kuntatt Ġdid:

Nru tad-Dar	
Triq	
Lokalità	
Kodiċi Postali	
Pajjiż	

Nru tat-Telefon	Nru tal-Fax
Email	

Taqsima 2 – Dikjarazzjoni ta' l-*Income* Attribwibbli lil *Trust*

Deskrizzjoni ta' l-*income*	Lokali		Barrani		Total
	MTL		MTL		MTL
***Income*:**					
Income minn Imgħax				1	
Dividendi				2	
Qligħ Kapitali				3	
Kera				4	
Income minn Proprjetà Intellettwali				5	
Income Ieħor minn Investmenti				6	
Income Ieħor				7	
Income* Taxxabbli Attribwibbli lil *Trust (Għodd il-linji 1 sa 7)				8	
Taxxa Dovuta Fuqu				9	
Taxxa Mħallsa Matul is-Sena				10	
Taxxa Nieqsa/Żejda (naqqas il-linja 10 mil-linja 9)				11	

Taqsima 3 – Dikjarazzjoni tal-Valur tal-Proprjetà tat-*Trust*

(Valuri skond il-kontijiet finanzjarji)

Deskrizzjoni ta' l-*income*	Lokali		Barrani		Total
	MTL		MTL		MTL
Proprjetà Immobbli					
Ishma					
Bonds					
Strumenti finanzjarji Oħra					
Privattivi					
Proprjetà Intellettwali Oħra					
Depositi Bankarji					
Likwidi					
Attiv Likwidu Ieħor					
Attiv Ieħor					
Totali					

Taqsima 4 – Informazzjoni Oħra

Jekk jogħġbok agħti d-dettalji u l-informazzjoni oħra meħtieġa

Taqsima 5 – Dikjarazzjoni(jiet) u Firma(Firem)

Persuna fil-pussess ta' *warrant* maħruġ skond l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*

Niddikjara li:

- jiena konxju mill-obbligi rilevanti kollha skond l-Att dwar it-Taxxi rigward Taqsima 2 ta' dan il-prospett; u
- jJiena eżaminajt il-kontenut ta' Taqsima 2 ta' dan il-prospett, inklużi d-dokumenti mehmużin miegħu u li għandhom x'jaqsmu speċifikament miegħu u, sa fejn naf jien, huwa veru, korrett u sħiħ.

Isem:	Firma:	Kariga:	Data:

***Trustees* fil-pussess ta' liċenzja valida maħruġa skond l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju u l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.**

Jiena (Aħna) niddikjara/w li:

- jiena (aħna) konxju mill-obbligi rilevanti kollha skond l-Atti dwar it-Taxxi rigward it-*trust* imsemmija aktar 'l fuq; u
- jiena (aħna) eżaminajt/na l-kontenut ta' dan il-prospett, inklużi d-dokumenti mehmużin miegħu u, sa fejn naf/u jien/aħna, huwa veru, korrett u sħiħ.

Isem:	Firma:	Indika r-Residenza tat-*Trustee*	Data:

B 118

SKEDA 4

(Regolament 6)

Formola *Trusts* 04

Taxxi Interni - Malta

Prospett tat-Taxxa fuq l-*Income* u *Self Assessment*

Għar-rigward ta' l-*Income* Attribwibbli lil *Trust* skond l-Artikolu 24A ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372)

Immarka [✔] kif meħtieġ:

L-Ewwel Prospett tat-Taxxa ☐

L-Aħħar Prospett tat-Taxxa ☐

Ieħor ☐

1. Għan

Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi, it-*trustee* ta' *trust* għandu jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dikjarazzjoni vera u korretta ta' l-*income* attribwibbli lil dik it-*trust* għas-sena ta' stima, flimkien ma' dikjarazzjoni vera u korretta ta' dawk il-kontijiet allokati lill-benefiċjarji ta' dik it-*trust* għall-istess sena. Il-Formula *Trusts* 04 għandha tintuża għall-finijiet ta' din id-dikjarazzjoni. Madankollu, din il-formula ma għandhiex tintuża f'dawk il-każijiet fejn tkun saret għażla biex l-*income* attribwibbli lit-*trust* jinħadem daqslikieku kien *income* ta' kumpannija ordinarjament residenti u domiċiljata f'Malta, jew fejn tkun saret determinazzjoni skond l-Artikolu 27D(2) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

2. Meta għandu jinbagħat il-Prospett

Dan il-prospett mimli kif suppost għandu jintbagħat b'mod li jasal fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Ġunju tas-sena ta' wara dik li fiha l-*income* attribwibbli lit-*trust* ikun inqala'.

3. Skop tad-Dikjarazzjoni

L-*income* maqlugħ u l-allokazzjonijiet magħmulin matul it-tnax-il xahar li jibdew fl-1 ta' Jannar tas-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima li tidher f'dan il-prospett għandhom jiġu ddikjarati f'dan il-prospett.

4. Dokumenti ma' dan il-Prospett

Flimkien ma' dan il-prospett, fejn japplika, għandhom jiġu meħmuża:

- Kontijiet Finanzjarji ċertifikati minn persuna li jkollha fil-pussess tagħha *warrant* maħruġ skond l-Att dwar il-Prosfessjoni ta' l-*Accountancy*;
- Rendikonti bid-dettalji sħaħ dwar l-*income* iddikjarat u t-tnaqqis mitlub;
- Rendikonti li juru d-dettalji mitluba f'dan il-prospett fejn ma jkunx hemm spazju biżżejjed fih;
- Dokumenti li jissustanzjaw talbiet għal krediti ta' taxxa;
- Rendikonti oħra li fl-opinjoni tat-*trustee* jew il-persuna fil-pussess ta' l-imsemmi *warrant* ikunu jagħtu stampa sħiħa u ċara tas-sitwazzjoni tat-taxxa tat-*trust*.

5. Dikjarazzjoi Sħiħa

Għandu jiġi ddikjarat l-*income* kollu attribwibbli lit-*trust* għas-sena in kwistjoni, kemm jekk inqala' f'Malta jew band'oħra kif ukoll jekk riċevut f'Malta jew band'oħra. L-ebda taqsima ta' dan il-prospett ma għandha titħalla vojta. Fejn ma hemm xejn x'jiġi ddikjarat, għandha tinkiteb il-kelma "XEJN".

6. Firem

Dan il-prospett għandu jkun iffirmat mill-persuna li jkollha fil-pussess tagħha l-imsemmi *warrant* u li jiċċertifika r-rendikonti finanzjarji ma' dan il-prospett u mill-inqas minn *trustee* wieħed tat-*trust* li jkun persuna residenti f'Malta.

7. Fejn għandu jintbagħat

Il-prospett mimli kif suppoost għandu jintbagħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, Dipartiment tat-Taxxi Interni, Floriana.

Kummissarju tat-Taxxi Interni, Floriana

Għall-Użu Uffiċjali Biss

Riċevut:

Taqsima 1 – Tibdil fid-Dettalji dwar it-*Trust*

Taqsma 1a. - Isem Ġdid tat-*Trust*:

Taqsima 1b. - Persuni li ma għadhomx *Trustees* Residenti: **Nru tat-Taxxa: (fejn japplika)**

Taqsima 1c. - *Trustees* Residenti Ġodda: **Nru tat-Taxxa: (fejn japplika)**

Taqsima 1b. - Persuni li ma għadhomx Benefiċjarji (fakultattiva): **Nru tat-Taxxa: (fejn japplika)**

Taqsima 1c. - Benefiċjarji Ġodda (fakultattiva): **Nru tat-Taxxa: (fejn japplika)**

Taqsima 1d. – Dettalji tal-Kuntatt Ġdid:

Nru tad-Dar	
Triq	
Lokalità	
Kodiċi Postali	
Pajjiż	

Nru tat-Telefon	Nru tal-Fax
Email	

B 120

Taqsima 2 – Dikjarazzjoni ta' l-*Income* Attribwibbli lil *Trust*

Deskrizzjoni ta' l-*Income*	Lokali		Barrani		Total
	MTL		MTL		MTL
Income minn Interessi				1	
Dividendi				2	
Qligħ Kapitali				3	
Kera				4	
Income minn Proprjetà Intellettwali				5	
Income Ieħor minn Investimenti				6	
Income ieħor				7	
Income* Taxxabbli Attribwibbli lil *Trust (Għodd linji 1 sa 7)				8	
Eżenżjonijiet: Speċifika t-Tip ta' *Income* Eżentat	Speċifika taħt liema leġislazzjoni				
				9	
				10	
Total ta' l-Eżenzjonijiet (Għodd il-linji 9 u 10)				11	
Tnaqqis: *Income* Attribwibbli lil *Trust* Allokat lill-Benefiċjarji -					
Jeddijiet Kreditu fuq *Income* fis-sena				12	
Dritt Mogħti matul is-sena				13	
Ammonti Mqassmin matul is-sena				14	
Spejjeż inkorsi fil-produzzjoni ta' l-*Income*				15	
Drittijiet tat-*Trustee*				16	
Drittijiet Professjonali (inklużi drittijiet għall-uditjar u l-*accountancy*)				17	
Drittijiet Amministrattivi Oħra				18	
Total tat-Tnaqqis (Għodd il-linji 12 sa 18)				19	
Income* Taxxabbli Attribwibbli lit-*Trust (Naqqas il-linji 11 u 19 mil-linja 8)				20	
Taxa fuqu:		Rata tat-Taxxa			
				21	
				22	
Total tat-Taxxa (Għodd il-linji 21 sa 22)				23	
Krediti tat-Taxxa: Helsien Unilaterali				24	
Taxxa minn ras il-għajn				25	
Total tal-Krediti (Għodd il-linji 24 sa 25)				26	
Taxxa Dovuta (Naqqas il-linja 26 mil-linja 23)				27	
Taxxa Mħallsa Matul is-Sena				28	
Taxxa Nieqsa/Żejda (Naqqas il-linja 28 mil-linja 27)				29	

Taqsima 3 – Dikjarazzjoni ta' l-Ammonti Allokati lill-Benefiċjarji

(Ammont allokat skond l-Artikolu 27D(4) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*)

Isem il-Benefiċjarju	
Nru tad-Dar	
Triq	
Lokalità	Kodiċi Postali
Pajjiż	Nru tat-Taxxa

Tip ta' *Income*:	Pajjiż fejn inqala' l-*income*:	Data ta' l-Allokazzjoni	Ammont Allokat MTL	Taxxa Mħallsa f'isem il-Benefiċjarju MTL

Isem il-Benefiċjarju	
Nru tad-Dar	
Triq	
Lokalità	Kodiċi Postali
Pajjiż	Nru tat-Taxxa

Tip ta' *Income*:	Pajjiż fejn inqala' l-*income*:	Data ta' l-Allokazzjoni	Ammont Allokat MTL	Taxxa Mħallsa f'isem il-Benefiċjarju MTL

Isem il-Benefiċjarju	
Nru tad-Dar	
Triq	
Lokalità	Kodiċi Postali
Pajjiż	Nru tat-Taxxa

Tip ta' *Income*:	Pajjiż fejn inqala' l-*income*:	Data ta' l-Allokazzjoni	Ammont Allokat MTL	Taxxa Mħallsa f'isem il-Benefiċjarju MTL

Isem il-Benefiċjarju	
Nru tad-Dar	
Triq	
Lokalità	Kodiċi Postali
Pajjiż	Nru tat-Taxxa

Tip ta' *Income*:	Pajjiż fejn inqala' l-*income*:	Data ta' l-Allokazzjoni	Ammont Allokat MTL	Taxxa Mħallsa f'isem il-Benefiċjarju MTL

Taqsima 4 – Dikjarazzjoni ta' Valuri ta' Proprjetà ta' *Trust*

(Valuri skond il-kontijiet finanzjarji)

Deskrizzjoni ta' l-*income*	**Lokali**		**Barrani**		**Totali**
	MTL		**MTL**		**MTL**
Proprjetà Immobbli					
Ishma					
Bonds					
Strumenti finanzjarji Oħra					
Privattivi					
Proprjetà Intellettwali Oħra					
Depożiti Bankarji					
Flus Kontanti					
Attiv Likwidu Ieħor					
Attiv Iehor					
Totali					

Taqsima 5 – Dikjarazzjoni ta' *Income* minn Proprjetà ta' *Trust*

Deskrizzjoni tal-Proprjetà tat-*Trust*	**Pajjiż Immarka [✔] kif japplika**		***Income* minn Proprjetà tat-*Trust* MTL**
	Lokali	**Barrani**	
Total ta' l-*Income* minn Proprjetà tat-*Trust*			

Taqsima 6 – Informazzjoni Oħra

Jekk jogħġbok agħti d-dettalji u l-informazzjoni oħra meħtieġa

Taqsima 7 – Dikjarazzjoni(jiet) u Firma(Firem)

Persuna li jkollha fil-pussess tagħha *warrant* maħruġ skond l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*

Niddikjara li:

- jiena konxju mill-obbligi rilevanti kollha skond l-Atti dwar it-Taxxi għar-rigward ta' Taqsima 2 ta' dan il-prospett; u
- jiena eżaminajt il-kontenut ta' Taqsima 2 ta' dan il-Prospett, inklużi d-dokumenti mehmużin li huma speċifikament konnessi miegħu u, sa fejn naf jien, huwa veru, korrett u sħiħ.

Isem:	**Firma:**	**Kariga**	**Data:**

Trustees

Niddikjara/w li:

- jiena/aħna konxju/i mill-obbligi rilevanti kollha skond l-Atti dwar it-Taxxi għar-rigward ta' l-imsemmi trust; u
- jien/aħna eżaminajt/na l-kontenut ta' dan il-prospett, inklużi d-dokumenti mehmużin miegħu u, safejn naf jien, huwa veru, korrett u sħiħ.

Isem:	**Firma:**	**Indika r-Residenza tat-*Trustee***	**Data:**

B 124

SKEDA 5

(Regolament 7)

Formola *Trusts* 05

Dikjarazzjoni minn *Settlor* –

skond l-Artikolu 24B ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372)

Taxxi Interni- Malta

1. Għan
Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi, *settlor* li jkun persuna residenti f'Malta li jqiegħed proprjetà fi *trust*, li t-*trustees* tagħha jkunu persuni mhux residenti f'Malta, għandu jinforma lill-Kummissarju b'dan it-tqegħid. Din il-formula (*Trusts* 05) għandha tintuża għal dan l-iskop.

2. Għal liema tqegħid tapplika
Din il-formula għandha tintuża meta persuna jew persuni residenti f'Malta jqiegħdu proprjetà fi *trust*, li t-*trustees* kollha tagħha jkunu perssuni mhux residenti f'Malta.

3. Meta għandu jintbagħat
Dan il-prospett għandha jimtela u jintbagħat b'mod li jasal fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni sa mhux aktar tard minn 30 jum mid-data tat-tqegħid rilevanti tal-proprjetà fi *trust*.

4. Dokumenti ma' dan il-Prospett
Flimkien ma' din il-formula, is-*settlor* għandu jehmeż kopja awtentikata ta' l-istrument rilevanti tat-*trust* jew xi dokument ieħor li jipprova l-eżistenza tat-*trust* rilevanti.

5. Firem
Dan il-prospett għandu jkun iffirmat mis-*settlor* tat-*trust* rilevanti.

6. Fejn għandu jintbagħat il-Prospett
Il-prospett mimli kif suppost għandu jintbagħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, Dipartiment tat-Taxxi Interni, Floriana.

Kummissarju tat-Taxxi Interni, Floriana

Taqsima 1 – Dettalji dwar is-*Settlor* u t-*Trust*

Isem	
Nru tad-Dar	
Triq	
Lokalità	Kodiċi Postali:
Pajjiż	

Numru tat-Taxxa tas-*Settlor*:	
Isem tat-*Trust*:	
Data tat-twaqqif tat-*Trust*:	**j j x x s s s s**
Ġurisdizzjoni li taħtha ġiet imwaqqfa t-*Trust*:	

Għal Użu Uffiċjali Biss:

Riċevut:

Taqsima 2 – Dettalji tal-Proprjetà mqiegħda fi *Trust*

Tip ta' Proprjetà (Immobbli, Ishma, *Bonds*, Privattivi eċċ.)	Dettalji tal-Proprjetà (Indirizz, pajjiż, kumpannija ta' investiment eċċ.)	Valur fiż-żmien tat-Tqegħid jew ta' l-Akkwist MTL

Taqsima 3 – Dikjarazzjoni u Firma(Firem)

Niddikjara/w li:

- kien hemm tqegħid fi *trust*, li t-*trustees* kollha tagħha huma persuni li mhumiex residenti f'Malta; u
- jien/aħna eżaminajt/na l-kontenut ta' dan il-prospett u d-dokumenti mehmużin miegħu u, sa fejn naf/u jien/aħna, huma veri, korretti u sħaħ.

Isem:	**Firma:**	**Data:**

B 126

SKEDA 6

(Regolament 8)

Formula *Trusts* 06

Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni ta' Trasferiment ta' Attiv li jinvolvu *Trust* –

għall-finijiet ta' l-Artiklu 43(2) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372)

Taxxi Interni- Malta

1. Għan

Ċerti trasferimenti ta' attiv li jinvolvu *trusts* jistgħu ma jkunux suġġetti għat-taxxa fuq l-*income*. F'dawn il-każi, persuna li tkun bi ħsiebha tagħmel trasferiment bħal dak tista' tissottometti dikjarazzjoni f'żewġ kopji lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Fejn nutar ikollu prova li l-imsemmija dikjarazzjoni tkun ġiet riċevuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dan ikun jikkostitwixxi prova suffiċjenti li t-taxxa provvižorja għall-finijiet ta' l-Artikolu 43(2) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* ma tkunx tħallset. Din il-formula (*Trusts* 06) għandha tintuża għall-finijiet ta' l-imsemmija dikjarazzjoni.

2. Trasferimenti Applikabbli

Din il-formula għandha tintuża f'każ ta' tqegħid, distribuzzjoni jew riverżjoni meta skond id-disposizzjonijiet rilevanti tas-subartikoli 5(18), (21), (22) u (24) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* l-ebda taxxa ma tkun dovuta.

3. Meta għandu jintbagħat

Dan il-prospett għandu jimtela u jintbagħat b'mod li jasal fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni sa mhux aktar tard minn sebat ijiem qabel id-data tat-trasferiment rilevanti ta' l-attiv.

4. Dokumenti ma' dan il-Prospett

Flimkien ma' dan il-prospett għandhom jiġu mehmużin (i) rendikonti li jkunu jagħtu d-dettalji tal-persuni li qed jittrasferixxu l-attiv u, f'każ li ma jkunx hemm spazju biżżejjed fuq dan il-prospett, dettalji li jkollhom x'jaqsmu ma' l-attiv li jkunu qed jiġu trasferiti; (ii) kull rendikont jew dokument ieħor li, fl-opinjoni tal-persuni li qed jiffirmaw din il-formula, jappoġġjaw id-dikjarazzjoni magħmula f'Taqsima 3.

5. Firem

Dan il-prospett għandu jiġi ffirmat mill-persuni kollha li jkollhom l-intenzjoni li jagħmlu t-trasferiment rilevanti ta' l-attiv u għandu jkun iffirmat minn persuna li tkun jew it-*trustee* awtorizzat tat-*trust* rilevanti, avukat jew nutar.

6. Fejn għandu jintbagħat il-Prospett

Il-prospett mimli kif suppost għandu jintbagħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, Dipartiment tat-Taxxi Interni, Floriana.

Kummissarju tat-Taxxi Interni, Floriana

Taqsima 1 – Dettalji tal-Persuna(i) li bi ħsiebha/hom t/jittrasferixxu attiv

Isem(ismijiet) tal-Persuna(i) li bi ħsiebha/hom t/jittrasferixxi/u attiv: **Numru tat-Taxxa:**

Isem tat-*Trust* (fejn japplika):

Nru tat-Taxxa tat-*Trust* (fejn japplika):

Għall-Użu Uffiċjali Biss
Riċevut:

Taqsima 2 – Dettalji tal-Proprjetà li se tiġi trasferita

Tip ta' Proprjetà (Immobbli, Ishma, *Bonds*, Privattivi eċċ.)	Dettalji tal-Proprjetà (Indirizz, pajjiż, kumpannija ta' investment eċċ.)	Valur fil-ħin tat-Tqegħid jew l-ta' l-Akkwist MTL

Taqsima 3 – Dikjarazzjoni u Firma(Firem)

Niddikjara/w li:

- l-persuna/i msemmija f'Taqsima 1 ta' din il-formula bi ħsiebha/hom tittrasferixxi/jittrasferixxu attiv, liema trasferiment jikkostitwixxi tqegħid/distribuzzjoni/riverżjoni ta' proprjetà;
- l-ebda taxxa ma hi dovuta rigward l-imsemmi trasferiment skond id-disposizzjonijiet ta':

  .....; u
- jien/aħna eżaminajt/na l-kontenut ta' dan il-prospett u, sa fejn naf/u jien/aħna, huwa veru, korrett u sħiħ.

Isem:	**Firma:**	**Kariga:**	**Data:**
		***Trustee*/Avukat/Nutar**	

SKEDA 7

(Regolament 9)

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fiċ-ċertifikat maħruġ mit-*trustee* lill-benefiċjarju ta' *trust* meta ssir allokazzjoni:

1) Ammonti li fuqhom il-benefiċjarju għandu jedd kwežit.
2) Ammonti li fuqhom ingħata dritt lill-benefiċjarju.
3) Ammonti mqassmin lill-benefiċjarju.

Għal kull waħda minn dawn ta' hawn fuq, it-*trustee* għandu jagħti:

1. id-data ta' l-allokazzjoni
2. id-data tat-tqassim (fejn japplika)
3. it-tip ta' *income*
4. il-pajjiż minn fejn inqala' l-*income*
5. l-ammont gross
6. it-taxxa barranija sofruta fuq dawn l-ammonti
7. l-ammont nett
8. dikjarazzjoni mit-*trustee*, fejn japplika, li t-taxxa tkun tħallset skond is-sub-inċiż (iii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 27D ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.